MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Numru. 266/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
vs
Jason Azzopardi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Jason Azzopardi, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 345477(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fil-25 ta’ Gunju, 1999 u/jew fix-xhur ta’ qabel, bhala proprjetarju jew amministratur tal-fond St Joseph, Nru. 1, Pjazza Thomas Spratt, Mellieha, b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta’ kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ kurrent elettriku, ikkommetta serq ta’ kwantita ta’ elettriku, liema serq huwa kkwalifikat bl-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta;

(b) barra minn hekk, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' meter tad-dawl tal-ghamla 'Ferranti', mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin (LM10) ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika l-Art. 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-prodediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-imputat fuq imsemmi <u>hati</u> ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18, 261 (b), 261 (c), 261 (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 283 u 325 (1) (b) tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, irregistra ammissjoni u irrifonda l-ammont kollu dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta kif irrizulta waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2003. Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------